

EBA/GL/2018/07

---

4 ta' Diċembru 2018

---

## Linji Gwida

---

dwar il-kundizzjonijiet sabiex wieħed jibbenefika minn eżenzjoni mill-  
mekkaniżmu ta' kontinġenza skont l-Artikolu 33(6) tar-Regolament  
(UE) 2018/389 (RTS dwar l-SCA u s-CSC)

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

---

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabilixxu l-fehma tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rappurtar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA li huma jikkonformaw jew beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa ([jj.xx.ssss]). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA tintbagħat fuq [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza "EBA/GL/2018/07". In-notifiki għandhom jintbagħtu minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istatus tal-konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament Nru 1093/2010.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

---

### Suġġett

Dawn il-Linji Gwida jispeċifikaw il-kundizzjonijiet, stabbiliti fl-Artikolu 33(6) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389<sup>2</sup> (l-RTS), għall-eżenzjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' kontijiet ta' pagament li jkunu għażlu interfaċċa ddedikata, mill-obbligu li jstabilixxu l-mekkaniżmu ta' kontinġenza deskritt fl-Artikolu 33(4) tal-RTS.

Dawn il-Linji Gwida jipprovdu wkoll gwida dwar kif l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-EBA għall-finijiet tal-eżenzjoni skont l-Artikolu 33(6) tal-RTS.

### Kamp ta' applikazzjoni

Dawn il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-miżuri ta' kontinġenza għal interfaċċa ddedikata stabbiliti fl-Artikolu 33 tal-RTS u, b'mod partikolari, għall-eżenzjoni mill-obbligu li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' kontinġenza skont l-Artikolu 33(4) tal-RTS.

### Destinatarji

Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 1093/2010 u lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4(11) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2)<sup>3</sup>.

### Definizzjonijiet

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fil-PSD2 u fl-RTS għandhom l-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida.

### Data ta' applikazzjoni

Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2019.

---

<sup>2</sup>Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389 tas-27 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u standards miftuħin ta' komunikazzjoni li jkunu komuni u sikuri, ĠU L 69/23 (13.3.2018).

<sup>3</sup>Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar 2007/64/KE, ĠU L 337/36 (23.12.2015).

## 3. Linji Gwida

---

## Linja Gwida 1: Issodisfar tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(6) tar-Regolament Delegat (UE) 2018/389

- 1.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw fornitur ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxi l-kont (ASPSP) bħala li jkun issodisfa l-erba' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(6) tal-RTS meta l-ASPSP ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Linji Gwida 2 sa 8, soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-PSD2 u fl-RTS.
- 1.2. L-ASPSPs għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni neċessarja sabiex jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti li r-rekwiżiti fil-Linji Gwida 2 sa 8 ġew issodisfati.

## Linja Gwida 2: Livell, disponibbiltà u prestazzjoni tas-servizz

- 2.1. L-ASPSP għandu jiddefinixxi l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) u l-miri tal-livell tas-servizz, inkluż għas-soluzzjoni tal-problemi, l-appoġġ barra s-siġħat normali, il-monitoraġġ, il-pjanijiet ta' kontinġenza u l-manutenzjoni għall-interfaċċa ddedikata tiegħu, li jkunu mill-anqas stretti daqs dawk għall-interfaċċa/i magħmulin disponibbli għall-utenti tas-servizzi ta' pagament (PSUs) tiegħu stess biex jaċċessaw direttament il-kontijiet ta' pagament online tagħhom.
- 2.2. L-ASPSP għandu jiddefinixxi bħala minimu, il-KPIs li ġejjin tad-disponibbiltà tal-interfaċċa ddedikata:
  - a. l-uptime għal kull jum tal-interfaċċi kollha; u
  - b. id-downtime għal kull jum tal-interfaċċi kollha.
- 2.3. Minbarra l-KPIs dwar id-disponibbiltà fil-Linja Gwida 2.2, l-ASPSP għandu jiddefinixxi, bħala minimu, il-KPIs li ġejjin għall-prestazzjoni tal-interfaċċa ddedikata:
  - a. il-medja tal-ħin ta' kuljum (f'millisekondi) meħuda, għal kull talba, biex l-ASPSP jipprovdi lill-fornitur ta' servizzi ta' bidu ta' pagament (PISP) bl-informazzjoni kollha mitluba skont l-Artikolu 66(4)(b) tal-PSD2 u l-Artikolu 36(1)(b) tal-RTS;
  - b. il-medja tal-ħin ta' kuljum (f'millisekondi) meħuda, għal kull talba, biex l-ASPSP jipprovdi lill-fornitur ta' servizz ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AISP) bl-informazzjoni kollha mitluba skont l-Artikolu 36(1)(a) tal-RTS;
  - c. il-medja tal-ħin ta' kuljum (f'millisekondi) meħuda, għal kull talba, biex l-ASPSP jipprovdi lill-emittent ta' strument ta' pagament permezz ta' kard (CBPII) jew lill-PISP b'konferma "iva/le" skont l-Artikolu 65(3) tal-PSD2 u l-Artikolu 36(1)(c) tal-RTS;
  - d. ir-rata ta' rispons għall-iżbalji ta' kuljum – ikkalkulata bħala l-għadd ta' messaġġi ta' żbalji li jirrigwardaw żbalji attribwibbli lill-ASPSP mibgħuta mill-ASPSP lill-PISPs, lill-AISPs u lis-CBPIIs skont l-Artikolu 36(2) tal-RTS kull jum, diviż bl-għadd ta' talbiet riċevuti mill-ASPSP mingħand l-AISPs, il-PISPs u s-CBPIIs fl-istess jum.
- 2.4. Sabiex jiġu kkalkulati l-indikaturi tad-disponibbiltà stabbiliti fil-Linja Gwida 2.2 għall-interfaċċa ddedikata, l-ASPSP għandu:
  - a. jikkalkula l-perċentwal tal-uptime bħala 100% tnaqqas minnu l-perċentwal tad-downtime;

- b. jikkalkula l-perċentwal ta' downtime billi juża l-għadd totali ta' sekondi li l-interfaċċa ddedikata ma kinitx qiegħda taħdem f'perjodu ta' 24 siegħa, li jibda u jintemm f'nofsillejl;
- c. iqis l-interfaċċa bħala "mhux qiegħda taħdem" meta ħames talbiet konsekuttivi għall-aċċess għall-informazzjoni għall-forniment ta' servizzi ta' bidu ta' pagament, servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet jew konferma tad-disponibbiltà ta' fondi ma jiġux imwiegħba fi żmien totali ta' 30 sekonda, irrispettivament minn jekk dawn it-talbiet joriġinawx minn PISP, AISP jew CBPII wieħed jew aktar. F'każ bħal dan, l-ASPSP għandu jikkalkula d-downtime mill-mument li jkun irċieva l-ewwel talba fis-sensiela ta' ħames talbiet konsekuttivi li ma ġewx imwiegħba fi żmien 30 sekonda, bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm talba bejn dawk il-ħames talbiet li għaliha tkun ġiet ipprovduta tweġiba.

### Linja Gwida 3: Pubblikazzjoni tal-istatistika

- 3.1 Għall-finijiet tal-Artikolu 32(4) tal-RTS, l-ASPSP għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti tiegħu pjan għall-pubblikazzjoni ta' statistika ta' kuljum fuq bażi trimestrali dwar id-disponibbiltà u l-prestazzjoni tal-interfaċċa ddedikata kif stabbilit fil-Linji Gwida 2.2 u 2.3, u ta' kull waħda mill-interfaċċi magħmulin disponibbli għall-PSUs tiegħu sabiex jaċċessaw direttament il-kontijiet ta' pagament online tagħhom, flimkien ma' informazzjoni dwar fejn tkun se tiġi ppubblikata din l-istatistika u d-data tal-ewwel pubblikazzjoni.
- 3.2 Il-pubblikazzjoni msemmija fil-Linja Gwida 3.1 hawn fuq għandha tippermetti lill-PISPs, lill-AISPs, lis-CBPIIs u lill-PSUs li jqabblu d-disponibbiltà u l-prestazzjoni tal-interfaċċa ddedikata mad-disponibbiltà u l-prestazzjoni ta' kull waħda mill-interfaċċi magħmulin disponibbli mill-ASPSP għall-PSUs tiegħu sabiex jaċċessaw direttament il-kontijiet ta' pagament online tagħhom fuq bażi ta' kuljum.

### Linja Gwida 4: Ittestjar tal-istress

- 4.1 Għall-finijiet tat-testijiet tal-istress imsemmija fl-Artikolu 32(2) tal-RTS, l-ASPSP għandu jkollu fis-seħħ proċessi sabiex jistabbilixxu u jivvalutaw il-prestazzjoni tal-interfaċċa ddedikata meta tkun soġġetta għal għadd estremament għoli ta' talbiet minn PISPs, AISPs u CBPIIs, f'termini tal-impatt li dan l-istress ikollu fuq id-disponibbiltà u l-prestazzjoni tal-interfaċċa ddedikata u l-miri definiti tal-livell tas-servizz.
- 4.2 L-ASPSP għandu jwettaq ittestjar adegwat tal-istress tal-interfaċċa ddedikata li jinkludi iżda li mhux limitat għal:
  - a. il-kapaċità li tappoġġa l-aċċess minn diversi PISPs, AISPs u CBPIIs;
  - b. il-kapaċità li tittratta għadd estremament għoli ta' talbiet minn PISPs, AISPs u CBPIIs, f'perjodu qasir ta' żmien mingħajr ma tfalli;
  - c. l-użu ta' għadd estremament għoli ta' sessjonijiet konkomitanti miftuħa fl-istess ħin għal talbiet ta' bidu ta' pagament, informazzjoni dwar il-kontijiet u konferma dwar id-disponibbiltà tal-fondi; u
  - d. talbiet għal volumi kbar ta' data.

- 4.3 L-ASPSP għandu jipprovi lill-awtorità kompetenti sommarju tar-riżultati tat-testijiet tal-istress, inklużi s-suppożizzjonijiet użati bħala bażi għall-ittestjar tal-istess ta' kull wieħed mill-elementi fl-ittri (a) sa (d) tal-Linja Gwida 4.2 hawn fuq u kif għiet indirizzata kwalunkwe kwistjoni identifikata.

## Linja Gwida 5: Ostakoli

- 5.1 L-ASPSP għandu jipprovi lill-awtorità kompetenti:

- a. sommarju tal-metodu/i ta' twettiq tal-proċedura/i ta' awtentikazzjoni tal-PSUs li huma appoġġati mill-interfaċċa ddedikata, jiġifieri ridirezzjoni, diżakkoppjat, inkorporat jew kombinazzjoni tagħhom; u
- b. spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex il-metodu/i ta' twettiq tal-proċedura/i ta' awtentikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) mhuwiex/mhumiex ostaklu, kif imsemmi fl-Artikolu 32(3) tal-RTS, u kif tali metodu/i jippermetti/jippermettu lill-PISPs u lill-AISPs jibbażaw fuq il-proċeduri ta' awtentikazzjoni kollha pprovduti mill-ASPSP lill-PSUs tiegħu, flimkien ma' evidenza li l-interfaċċa ddedikata ma tagħtix lok għal dewmien jew frizzjoni mhux meħtieġa fl-esperjenza disponibbli għall-PSUs meta jaċċessaw il-kont tagħhom permezz ta' PISP, AISP jew CBPII jew għal kwalunkwe attribut ieħor, inklużi passi mhux meħtieġa jew superfluwi jew l-użu ta' lingwaġġ mhux ċar jew skoraġġanti, li b'mod dirett jew indirett jiddisswadu lill-PSUs milli jużaw is-servizzi ta' PISPs, AISPs u CBPIIs.

- 5.2 Bħala parti mill-ispeġazzjoni msemmija fl-ittra (b) tal-Linja Gwida 5.1, l-ASPSP għandu jipprovi lill-awtorità kompetenti b'konferma li:

- a. l-interfaċċa ddedikata ma tipprevjenix il-PISPs u l-AISPs milli jibbażaw fuq il-proċedura/i ta' awtentikazzjoni pprovduta/i mill-ASPSP lill-PSUs tiegħu;
- b. ma hija meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni jew reġistrazzjoni addizzjonali mill-PISPs, l-AISPs jew is-CBPIIs, għajr dawk imposti fl-Artikoli 11, 14 u 15 tal-PSD2;
- c. ma hemm ebda kontroll addizzjonali mill-ASPSP dwar il-kunsens, kif imsemmi fl-Artikolu 32(3) tal-RTS, mogħti mill-PSU lill-PISP jew lill-AISP biex jaċċessa l-informazzjoni dwar il-kont(ijiet) ta' pagament miżmuma mal-ASPSP jew biex jibda pagamenti; u
- d. ma jitwettaq ebda kontroll dwar il-kunsens mogħti mill-PSU lis-CBPII skont l-ittra (a) tal-Artikolu 65(2) tal-PSD2.

## Linja Gwida 6: Tfassil u ttestjar għas-sodisfazzjon tal-PSPs

- 6.1 Għall-finijiet li tintwera l-konformità mar-rekwiżit fl-ittra (b) tal-Artikolu 33(6) tal-RTS rigward it-fassil tal-interfaċċa ddedikata, l-ASPSP għandu jipprovi lill-awtorità kompetenti:

- a. evidenza li l-interfaċċa ddedikata tissodisfa r-rekwiżiti legali għall-aċċess u d-data fil-PSD2 u fl-RTS, inklużi:
  - i. deskrizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi li l-ASPSP ikun implimenta; u
  - ii. sommarju ta' kif l-implimentazzjoni ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet tissodisfa r-rekwiżiti fil-PSD2 u fl-RTS; u

- b. informazzjoni dwar jekk, u jekk iva kif, l-ASPSP kien involut ma' PISPs, AISP u CBPIIs.
- 6.2 Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, "inizjattiva tas-suq" tfisser grupp ta' partijiet ikkonċernati li jkunu żviluppaw speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi għal interfaċċi ddedikati u, b'dan il-mod, ikunu kisbu input minn PISPs, AISP u CBPIIs.
- 6.3 Fejn l-ASPSP ikun qiegħed jimplimenta standard żviluppat b'inizjattiva tas-suq:
- l-informazzjoni msemmija fil-punt (i) tal-ittra (a) tal-Linja Gwida 6.1 tista' tikkonsisti minn informazzjoni dwar liema standard ta' inizjattiva tas-suq l-ASPSP ikun qiegħed jimplimenta, jekk iddevjax jew le f'xi aspekk speċifiku minn tali standard, u jekk iva, kif iddevja u kif jissodisfa r-rekwiżiti fil-PSD2 u fl-RTS;
  - l-informazzjoni msemmija fil-punt (ii) tal-ittra (a) tal-Linja Gwida 6.1 tista' tinkludi, fejn ikunu disponibbli, ir-riżultati tal-ittestjar tal-konformità żviluppat mill-inizjattiva tas-suq, li jikkonfermaw il-konformità tal-interfaċċa mal-istandard rispettiv tal-inizjattiva tas-suq.
- 6.4 Għall-finijiet tar-rekwiżit fl-ittra (b) tal-Artikolu 33(6) tal-RTS rigward l-ittestjar tal-interfaċċa ddedikata, l-ASPSP għandu jagħmel l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interfaċċa ddedikata disponibbli għall-PISPs, l-AISP u s-CBPIIs awtorizzati jew għall-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jkunu applikaw mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-awtorizzazzjoni rilevanti skont l-Artikolu 30(3) tal-RTS, inkluż, bħala minimu, li jippubblika sommarju tal-ispeċifikazzjoni tal-interfaċċa ddedikata fuq is-sit web tiegħu skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 30(3) tal-RTS.
- 6.5 Il-faċilità tal-ittestjar għandha tippermetti lill-ASPSPs, lill-PISPs, AISP u CBPIIs awtorizzati jew lill-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jkunu applikaw mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-awtorizzazzjoni rilevanti, li jittestjaw l-interfaċċa ddedikata f'ambjent ta' ttestjar sigur u ddedikat, b'data dwar PSU mhux reali, għal dawn li ġejjin:
- knessjoni stabbli u sigura;
  - l-abbiltà tal-ASPSPs u tal-PISPs, AISP u CBPIIs awtorizzati, li jiskambjaw iċ-ċertifikati rilevanti skont l-Artikolu 34 tal-RTS;
  - l-abbiltà li tibgħat u tirċievi messaġġi ta' żball skont l-Artikolu 36(2) tal-RTS;
  - l-abbiltà tal-PISPs li jibagħtu, u tal-ASPSPs li jirċievu, ordnijiet għall-bidu ta' pagament u l-abbiltà tal-ASPSPs li jipprovdu l-informazzjoni mitluba skont l-ittra (b) tal-Artikolu 66(4) tal-PSD2 u l-ittra (b) tal-Artikolu 36(1) tal-RTS;
  - l-abbiltà tal-AISP li jibagħtu, u tal-ASPSPs li jirċievu, talbiet għall-aċċess għad-data tal-kontijiet ta' pagament, u l-abbiltà tal-ASPSPs li jipprovdu l-informazzjoni mitluba skont l-ittra (a) tal-Artikolu 36(1) tal-RTS;
  - l-abbiltà tas-CBPIIs u tal-PISPs li jibagħtu, u tal-ASPSPs li jirċievu, talbiet mingħand is-CBPIIs u l-PISPs u l-abbiltà tal-ASPSP li jibgħat konferma "iva/le" lis-CBPIIs u lill-PISPs skont l-ittra (c) tal-Artikolu 36(1) tal-RTS; u
  - l-abbiltà tal-PISPs u tal-AISP li jibbażaw fuq il-proċeduri kollha ta' awtentikazzjoni pprovdu mill-ASPSP lill-PSUs tiegħu.



- 6.6 L-ASPSP għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti sommarju tar-riżultati tal-ittestjar imsemmi fl-Artikolu 30(5) tal-RTS għal kull wieħed mill-elementi li jridu jiġu ttestjati skont l-ittri (a) sa (g) tal-paragrafu 6.5 hawn fuq, inkluż l-għadd ta' PISPs, AISPs u CBPIIs li użaw il-faċilità tal-ittestjar, il-feedback li rċieva l-ASPSP mingħand dawn il-PISPs, l-AISPs u s-CBPIIs, il-kwistjonijiet identifikati u deskrizzjoni ta' kif dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati.
- 6.7 Għall-finijiet li jiġi valutat jekk l-ASPSP jissodisfax ir-rekwiżiti fl-ittra (b) tal-Artikolu 33(6) tal-RTS, l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra wkoll kwalunkwe problema rrappurtata lilha mill-PISPs, l-AISPs u s-CBPIIs fir-rigward tal-Linja Gwida 6.5 hawn fuq.

## Linja Gwida 7: Użu wiesa' tal-interfaċċa

- 7.1 Għall-finijiet li tintwera l-konformità mar-rekwiżit fl-ittra (c) tal-Artikolu 33(6) tal-RTS, l-ASPSP għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti:
- deskrizzjoni tal-użu tal-interfaċċa ddedikata għall-perjodu msemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 33(6), li tinkludi iżda mhijiex limitata għal:
    - l-għadd ta' PISPs, AISPs u CBPIIs li użaw l-interfaċċa sabiex jipprovdu servizzi lill-klijenti; u
    - l-għadd ta' talbiet mibgħuta minn daww il-PISPs, l-AISPs u s-CBPIIs lill-ASPSP permezz tal-interfaċċa ddedikata, li ġew imwiegħba mill-ASPSP.
  - evidenza li l-ASPSP għamel l-isforzi raġonevoli kollha biex jiżgura użu wiesa' tal-interfaċċa ddedikata, inkluż billi jikkomunika d-disponibbiltà tagħha permezz ta' kanali xierqa, inkluż, fejn rilevanti, is-sit web tal-ASPSP, il-midja soċjali, korpi kummerċjali tal-industrija, konferenzi u l-involviment dirett mal-atturi magħrufa tas-suq.
- 7.2 Minbarra l-evidenza msemmija fil-Linja Gwida 7.1, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra wkoll l-informazzjoni riċevuta fil-kuntest tal-Linji Gwida 6 u 8 meta tkun qiegħda tivvaluta jekk l-ASPSP jissodisfax jew le r-rekwiżit fl-Artikolu 33(6)(c) tal-RTS.
- 7.3 Il-perjodu ta' 3 xhur imsemmi fl-ittra (c) tal-Artikolu 33(6) tal-RTS jista' jkun fl-istess ħin mal-ittestjar imsemmi fl-Artikolu 30(5) tal-RTS.

## Linja Gwida 8: Soluzzjoni tal-problemi

- 8.1 Għall-finijiet tal-Artikolu 32(1) u l-ittra (d) tal-Artikolu 33(6) tal-RTS, l-ASPSP għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti:
- informazzjoni dwar is-sistemi jew il-proċeduri fis-seħħ sabiex jiġu ttraċċati, solvuti u magħluqa l-problemi, b'mod partikolari daww irrappurtati mill-PISPs, l-AISPs u s-CBPIIs; u
  - spjegazzjoni tal-problemi, b'mod partikolari daww irrappurtati mill-PISPs, l-AISPs u s-CBPIIs, li ma jkunux ġew solvuti skont il-miri tal-livell tas-servizz stabbiliti fil-Linja Gwida 2.1.

## Linja Gwida 9: Konsultazzjoni mal-EBA

- 9.1 Meta jikkonsultaw lill-EBA skont l-Artikolu 33(6) tal-RTS, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissottomettu lill-EBA l-Formola ta' Valutazzjoni stabbilita fl-Anness 1 fir-rigward ta' kull talba għal eżenzjoni li jkun beħsiebhom jagħtu. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhom jieħdu l-ebda deċiżjoni fir-rigward tal-eżenzjoni qabel l-ewwel waħda minn meta jirċievu l-kummenti tal-EBA dwar it-talba jew xahar mid-data li l-awtorità kompetenti tkun ikkonsultat lill-EBA. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw b'mod xieraq il-kummenti tal-EBA meta jieħdu kwalunkwe deċiżjoni dwar it-talba.
- 9.2 B'deroga mil-Linja Gwida 9.1, sal-31 ta' Diċembru 2019, l-awtoritajiet kompetenti li jkunu nnotifikaw lill-EBA li huma konformi ma' dawn il-Linji Gwida jistgħu jipproċedu biex jagħtu eżenzjoni bil-kundizzjoni li jkunu kkonsultaw lill-EBA billi infurmawha bl-intenzjoni tagħhom li jagħtu l-eżenzjoni billi użaw il-Formola ta' Valutazzjoni stabbilita fl-Anness 1. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jissottomettu l-Formola ta' Valutazzjoni tagħhom li tkopri ASPSP wieħed jew aktar.
- 9.3 L-awtoritajiet kompetenti li jkunu rrifjutaw li jeżentaw ASPSP mill-obbligu li jistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' kontinġenza msemmi fl-Artikolu 33(4) tal-RTS minħabba li l-interfaċċa ddedikata tiegħu ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(6) tal-RTS u mar-rekwiżiti tal-Linji Gwida 2 sa 8, għandhom jissottomettu lill-EBA l-Formola ta' Valutazzjoni fl-Anness 1 mingħajr dewmien żejjed. Il-valutazzjoni negattiva għandha tiġi pprovduta għat-talbiet miċħuda kollha sabiex tingħata eżenzjoni skont l-Artikolu 33(6) tal-RTS.
- 9.4 Fejn ASPSP ikun parti minn grupp b'sussidjarji fi Stati Membri differenti li se jużaw l-istess interfaċċa ddedikata, kull waħda mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-Istati Membri għandha:
  - a. tinforma mingħajr dewmien bla bżonn lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti l-oħra jekk ikunx beħsiebha tirrifjuta li tagħti eżenzjoni; u
  - b. fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe obbligu ta' kunfidenzjalità, tinforma lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra dwar ir-raġunijiet tagħha għaliex ikun beħsiebha tirrifjuta milli tagħti eżenzjoni u, fejn ikun rilevanti, dwar il-kwistjonijiet irrappurtati mill-PISPs, l-AISPs u s-CBPIIs lill-awtorità kompetenti.

# Anness 1- Formola ta' Valutazzjoni

## Sottomissjoni tal-Valutazzjoni

1)	Stat Membru	
2)	L-isem tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru	
3)	Fejn l-ASPSP ikun parti minn grupp b'sussidjarji fi Stati Membri differenti li se jużaw l-istess interfaċċa ddedikata	Konferma li l-awtorità kompetenti kkonformat mal-Linja Gwida 9.4 <input type="checkbox"/> Iva <input type="checkbox"/> Le
4)	Il-persuna ta' kuntatt fi ħdan l-awtorità kompetenti	
5)	Id-data tas-sottomissjoni lill-EBA	JJ/XX/SS
6)	L-isem/ismijiet tal-ASPSP(s) u n-numru ta' identifikazzjoni uniku tiegħu/tagħhom, kif jidher fir-reġistru nazzjonali rilevanti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' pagament u l-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi	
7)	Tip(i) ta' ASPSP(s)	<input type="checkbox"/> Istituzzjoni ta' Kreditu <input type="checkbox"/> Istituzzjoni ta' Pagament <input type="checkbox"/> Istituzzjoni tal-Flus Elettroniċi
8)	Id-deċizzjoni tal-awtorità kompetenti	<input type="checkbox"/> Tagħti eżenzjoni <input type="checkbox"/> Tirrifjuta li tagħti eżenzjoni
9)	Jekk applikabbli, ir-raġunijiet għar-rifjut ta' għoti tal-eżenzjoni	